DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1053

tat-30 ta' Mejju 2023

li tistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2023/588 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti operazzjonali għas-servizzi governattivi pprovduti fil-qafas tal-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura u l-portafoll tas-servizzi tiegħu

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2023/588 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2023 li jistabbilixxi l-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura għall-perjodu 2023–2027 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) u l-Artikolu 10(4) u (5) tiegħu,

Billi:

(1) Il-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura, stabbilit bir-Regolament (UE) 2023/588, għandu l-objettiv li jiżgura l-forniment u d-disponibbiltà fit-tul ta' aċċess globali mingħajr interruzzjoni għal servizzi ta' komunikazzjoni governattivi bis-satellita siguri, awtonomi, affidabbli u kosteffettivi għall-utenti governattivi billi jistabbilixxi sistema ta' konnettività sigura taħt kontroll ċivili.

(2) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti operazzjonali tal-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura, fil-forma ta' speċifikazzjonijiet tekniċi u pjanijiet ta' implimentazzjoni għas-servizzi governattivi relatati b'mod partikolari mal-ġestjoni tal-kriżijiet, mas-sorveljanza u mal-ġestjoni tal-infrastruttura ewlenija, inkluż in-networks ta' komunikazzjoni diplomatiċi u ta' difiża u l-ħtiġijiet ta' utenti governattivi oħra.

(3) Jenħtieġ li jiġi stabbilit il-portafoll tas-servizzi għas-servizzi governattivi, inkluż is-servizzi ristretti għall-utenti awtorizzati mill-gvern ibbażati fuq l-infrastruttura governattiva, kif ukoll servizzi għall-utenti governattivi bbażati fuq l-infrastruttura kummerċjali, bħas-servizz assigurat ta' latenza baxxa madwar id-dinja jew s-servizz narrowband madwar id-dinja. Il-portafoll tas-servizzi għas-servizzi governattivi jenħtieġ li jqis il-portafoll tas-servizzi tal-komunikazzjoni governattiva bis-satellita ("GOVSATCOM") stabbiliti fil-qafas tar-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

(4) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-kumitat tal-Programm stabbilit bl-Artikolu 107 tar-Regolament (UE) 2021/696, fil-konfigurazzjoni ta' GOVSATCOM.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-portafoll tas-servizzi għas-servizzi governattivi pprovduti fil-qafas tal-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura

1. Is-sistema li timplimenta l-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura għandha titfassal biex tipprovdi jew tippermetti s-servizzi ta' komunikazzjoni bis-satellita li ġejjin:

(a) is-servizzi li ġejjin offruti lill-utenti governattivi abbażi tal-infrastruttura governattiva:

(i) Servizz #1: Servizz Robust Madwar id-Dinja b'Latenza Baxxa;

(ii) Servizz #2: Rilej tad-*Data* Spazjali;

([1]) ĠU L 79, 17.3.2023, p. 1.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 912/2010, (UE) Nru 1285/2013 u, (UE) Nru 377/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 69).

(b) is-servizzi li ġejjin offruti lill-utenti governattivi abbażi tal-infrastruttura kummerċjali:

(i) Servizz #3: Servizz Assigurat Madwar id-Dinja b'Latenza Baxxa;

(ii) Servizz #4: Servizz Assigurat Narrowband Madwar id-Dinja.

Is-servizzi msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti għall-profili predefiniti għal dawk is-servizzi stabbiliti fl-Anness.

2. Il-portafoll tas-servizzi tas-sistema li timplimenta l-programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura għandu jitfassal apposta għal kull servizz u jitwassal lill-utenti finali f'konformità mal-iskemi ta' akkwist li ġejjin:

(a) skema ta' servizz minn tarf sa tarf, fejn is-servizz jiġi pprovdut mir-router/mill-kommutatur fuq in-naħa tal-istazzjon ta' ankraġġ, għar-router/għall-kommutatur fuq in-naħa tat-terminal tal-utent, inkluż il-possibbiltà li n-network estern jiġi pprovdut fuq in-naħa tal-istazzjon tal-ankraġġ;

(b) skema ta' servizzi ġestiti, fejn il-forniment tas-servizz ikun iggarantit bl-esklużjoni tat-terminal.

Artikolu 2

Regoli u Rekwiżiti Operazzjonali għall-Forniment ta' Servizzi Governattivi

Ir-regoli u r-rekwiżiti operazzjonali li ġejjin għandhom japplikaw għall-forniment ta' servizzi governattivi:

(1) F'termini ta' riżorsi u ishma tal-parteċipanti:

(a) ir-riżorsi tas-sistema li timplimenta l-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura mmirati għall-forniment tas-Servizz #1, tas-Servizz #2, tas-Servizz #3 u tas-Servizz #4 iddefiniti fl-Anness, għandhom jestendu r-riżerva Komuni tal-Unjoni ddefinita fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1055 ([3]). Dawn jiffurmaw *"Riżerva tal-Unjoni Estiża"*.

(b) il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-għadd addizzjonali ta' tokens (tokens tal-konnettività sigura – "SC tokens") li għandhom jiżdiedu mat-tokens tal-GOVSATCOM kif iddefinit fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1055.

(c) it-tqassim mill-ġdid ta' "SC tokens" fost il-parteċipanti tal-Programm għandu jsegwi r-regoli ddefiniti fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1055. Madankollu, it-tqassim mill-ġdid tal-"SC tokens" bejn l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-UE u l-marġni ta' kriżi ddefinit fl-Artikolu 5(2) jista' jvarja.

(2) F'termini ta' allokazzjoni tas-servizzi:

(a) il-forniment tas-servizzi pprovduti mis-sistema li timplimenta l-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura lill-parteċipanti għandu jsegwi l-iskemi fissi u dinamiċi kif iddefinit fl-Artikoli 6, 7 u 8 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1055.

(b) Ml-allokazzjoni tal-parti fissa u dinamika tas-Servizz #1 u tas-Servizz #2 iddefinita fl-Anness għandha ssegwi l-approċċ iddefinit fl-Artikoli 6(1), (3) u (4), l-Artikolu 7(1), (5), (6), (7) u (8) u l-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1055.

(c) l-allokazzjoni tal-parti fissa u dinamika tas-Servizz #3 u tas-Servizz #4 ddefinita fl-Anness għandha ssegwi l-approċċ iddefinit fl-Artikoli 6, 7 u 8 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1055.

(d) is-servizzi pprovduti mis-sistema li timplimenta l-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura għandhom jiġu kkumpensati bl-użu tat-tokens. Il-valur tal-kumpens fit-tokens għal kull għażla ta' servizz għandu jiġi inkluż fil-proposta għal servizz li ssir lill-Awtorità Kompetenti tal-GOVSATCOM.

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1055 tat-30 ta' Mejju 2023 li tistabbilixxi r-regoli dwar il-kondiviżjoni u l-prijoritizzazzjoni tal-kapaċitajiet, tas-servizzi, u tat-tagħmir tal-utenti ta' komunikazzjoni bis-satellita biex tiġi ssodisfata l-funzjoni msemmija fl-Artikolu 66(2) tar-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ara paġna 57 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

(3) F'termini tal-profili ta' servizz, tat-talbiet u tal-prijoritizzazzjoni:

(a) il-profili tas-servizz huma ddefiniti mill-valuri tal-attributi primarji tagħhom. Il-profili tas-servizz predefiniti huma stabbiliti fl-Anness.

(b) l-utenti jistgħu joħorġu talbiet għal servizz kif iddefinit fl-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1055.

(c) it-talbiet għas-servizzi għandhom isegwu r-regoli kif iddefinit fl-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1055. Iċ-Ċentru tal-GOVSATCOM għandu jassenja t-talba lir-riżerva Estiża tal-Unjoni, li tinkludi l-kapaċità pprovduta mill-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura.

(d) kwalunkwe kunflitt assoċjat mat-talba għal servizz, inkluż il-ħtieġa ta' prelazzjoni tas-servizzi, għandu jsegwi r-regoli ddefiniti fl-Artikolu 11 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1055.

(4) F'termini ta' loġika ta' twettiq:

(a) is-sistema li timplimenta l-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura għandha titqies bħala modulari u skalabbli, u tespandi progressivament is-segment spazjali skont l-evoluzzjoni tad-domanda tas-servizzi matul il-ħajja operattiva.

(b) il-modularità u l-iskalabbiltà tas-sistema li timplimenta l-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura jistgħu jinkludu investiment mis-settur privat skont il-varjazzjonijiet fid-domanda tas-suq.

(c) kwalunkwe attività ta' riforniment fil-livell tal-Ispazju jew tas-Segment tal-Art ma għandhiex taffettwa l-kontinwità tas-servizzi operazzjonali.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Mejju 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Profili predefiniti għas-servizzi governattivi pprovduti fil-qafas tal-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura

Tabella 1

Servizz #1: Servizz Robust Madwar id-Dinja b'Latenza Baxxa

Karatteristika	Speċifikazzjonijiet tekniċi
Banda tal-frekwenzi	Ka-Gov; oħrajn
Rata tad-*data*	Livell tas-servizz espress permezz tat-throughput tal-link ta' Trażmissjoni (FWD)/Ritorn (RTN) għal kull utent: — Baxx: < 1Mbps — Medju: >=1Mbps u < 5Mbps — Għoli: >=5Mbps u < 50Mbps — Għoli Ħafna: >=50Mbps
Kopertura ġeografika	Globali
Disponibbiltà (aktar minn sena)	99,5 %
Latenza	— Inqas minn 40 ms (direzzjoni waħda minn tarf sa tarf) fuq it-territorju kontinentali tal-UE — Inqas minn 80 ms (Ħin tat-Traġitt bir-Ritorn fuq l-Internet) fuq it-territorju kontinentali tal-UE
Terminal tal-utent	Fiss/Mobbli/Nomadiku
Robustezza u karatteristiċi ta' sigurtà	Robustezza

Tabella 2

Servizz #2: Rilej tad-*Data* Spazjali

Karatteristika	Speċifikazzjonijiet tekniċi
Banda tal-frekwenzi	Ottika
Rata tad-*data*	Skont ix-xenarju tal-konnettività (taħlita ta' entitajiet ta' utenti u ta' destinazzjoni): — >=1Gbps u < 10Gbps — >=10 Gbps
Kopertura ġeografika	Globali
Entità ta' utent/entità ta' destinazzjoni	— Satelliti tas-sistema li timplimenta l-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura — Satelliti ta' partijiet terzi — Pjattaforma fl-ajru — Stazzjon tal-art
Robustezza u karatteristiċi ta' sigurtà	Robustezza

Tabella 3

Servizz #3: Servizz Assigurat Madwar id-Dinja b'Latenza Baxxa

Karatteristika	Speċifikazzjonijiet tekniċi
Rata tad-*data*	Livell tas-servizz espress permezz tat-throughput tal-link ta' Trażmissjoni (FWD)/Ritorn (RTN) għal kull utent: — Baxx: < 1Mbps — Medju: >=1Mbps u < 5Mbps — Għoli: >=5Mbps u < 50Mbps — Għoli Ħafna: >=50Mbps
Kopertura ġeografika	Globali
Disponibbiltà (aktar minn sena)	99,5 %
Latenza	— Inqas minn 50 ms (direzzjoni waħda minn tarf sa tarf) fuq it-territorju kontinentali tal-UE — Inqas minn 100 ms (Ħin tat-Traġitt bir-Ritorn fuq l-Internet) fuq it-territorju kontinentali tal-UE
Terminal tal-utent	Fiss/Mobbli/Nomadiku
Robustezza u karatteristiċi ta' sigurtà	Assigurat

Tabella 4

Servizz #4: Servizz Assigurat Narrowband Madwar id-Dinja

Karatteristika	Speċifikazzjonijiet tekniċi
Rata tad-*data*	Throughput tal-link ta' Trażmissjoni (FWD)/Ritorn (RTN) għal kull utent: Minn 2 Kbps sa 1 Mbps
Kopertura ġeografika	Globali
Disponibbiltà (aktar minn sena)	98 %
Terminal tal-utent	Internet tal-Oġġetti (IOT) u tagħmir ieħor tal-utenti narrowband
Robustezza u karatteristiċi ta' sigurtà	Assigurat